**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**Il-ĦADD, 26.08.07:** Il-WIEĦED U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.
**IL-ĦAMIS, 29.08.07:** Tifkira tal-Martirju ta' San Ġwann Appostlu.
**IL-ĦADD, 02.09.07:** IT-TNEJN U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.

## ĦINIJIET TAL-QUDDIES

Billi sikwit jitolbuna l-ħinijiet tal-quddiesa u ta' l-Uffiċċju, se nġibu hawn dawn il-ħinijiet.

**QUDDIES: ħin tas-Sajf:**
**IL-ĦDUD U FESTI**: 5.30; 6.30; 8.00; 9.30; u 10.30a.m. u fil-4.00p.m.
**Fil-Ħin tax-Xitwa :** il-quddies tal-Ħdud u Festi jibqgħu l-istess ħinijiet.

**QUDDIES: fis-Sajf**
**Nhar ta' xogħol** ikun hekk: 5.30; 6.15; 7.00 u 7.30a.m. U fis-7.00p.m.
**Fil-granet tax-Xitwa:** 5.30; 6.15; 7.00; u 7.45a.m. u fis-6.00p.m.

### ĦINIJIET TA' L-UFFIĊĊJU

**Ħin tas-Sajf:** mit-8.00 sal-10.00a.m. u mill-4.00 sas-6.00p.m.
**Hin tax-Xitwa :** mit-8.00 sal-10.00a.m. u mit-3.30 sal-5.30p.m.

### GĦOTJA TA' KARITA' MILL-PARROĊĊA:

Mill-offerti li jsiru għall-karita' u minn dak li jinġabar waqt il-quddies tal-funerali ecc. il-parroċċa tagħti karita lil xi Istituzzjonijiet ecc. Din il-ġimgħa offrejna s-somma ta' mitejn lira (Lm200) lid-Dar tal-Providenza Malta.

## WEBSITE TAL-PARROĊĊA.

Wara li kien ilna għal xi żmien mingħajr il-website tal-parroċċa minħabba xi diffikultajiet li kienu nqalgħu u ma' kellniex kontroll fuqhom, issa għamilna tenttativ ieħor biex nerġgħu nsemmgħu leħinna bħala parroċċa permezz tal-website.

B'dan il-mezz ta' komunikazzjoni l-parroċċa se tkun qed tagħti servizz ta' nformazzjoni u tagħrif lill-parroċċani dwar dak li jolqot il-parroċċa tagħna. Dan it-tagħrif ecc. ikun jista jirċevih kull min jidħol f'dan is-site, ikun fejn ikun u f'liema pajjiż ikun. F'temp ta' ftit sekondi t-tagħrif kollu jasallu d-dar.

Min-naħa tagħna se nagħmlu mezz biex din il-website tkun aġġornata minn żmien għal żmien, bl-aħħar tagħrif li jkollna.

Se jkun hemm * tagħrif storiku dwar il-parroċċa;

- xi ħjiel dwar il-ħajja tal-Patruna tagħna Santa Margerita;
- ħinjiet ta' l-Uffiċċju Parrokkjali;
- ħinijiet tal-quddies ta' matul il-ġimgħa u anke ta' nhar ta' Ħadd;
- tagħrif dwar persuni nvoluti fil-ħidma pastorali tal-parroċċa, bl-ismijiet u n-numru tat-telefon tagħhom;
- il-Bullettin ta' kull ġimgħa;
- messaġġ mill-Arċipriet;
- xi avviżi mportanti
- ritratti dwar xi attivitajiet li jsiru; ecc.

Nittama li dan is-servizz ikun ta' qadi mhux biss għall-parroċċani imma wkoll għas-sannatin li jinsabu mxerrda mad-dinja kollha u b'hekk iħossuhom qrib tagħna.
L-indirizz tas-sit elettroniku tal-parroċċa huwa dan :

**www.sannatparish.com**